TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Janelle Camilleri

Vs

Forestals Entertainment Ltd

CCT 206/20/MM

Illum, 24 ta' Awwissu 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fis-17 ta' Awwissu 2020 fejn talbet is-somma ta' sitt mitt Ewro (€ 600) rappreżentanti l-prezz ta' laptop minghand is-socjeta' intimata li sofra hsara fil-perjodu kopert bil-garanzija.

Illi s-socjeta' intimata, minkejja li kienet debitament notifikata baqghet ma pprezentat l-ebda risposta izda deher Mario Sacco jikkontesta l-kaz ghan-nom taghha.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrenti xtart laptop minghand l-intimata li kif tishaq hi darba fost l-ohra minghajr ma hi ghamlet xi tip ta' forza jew waqqet xi likwidu fuqu, garrab hsara fl-iscreen.

Min-naha l-ohra, Mario Sacco ghall-intimata jishaq li dan kien physical damage u allura ma kienx kopert bil-garanzija.

It-Tribunal hatar espert sabiex jezamina l-istess laptop.

Ikkunsidra

Illi dan huwa kaz ta' allegat difett mohbi f'laptop mixtri mir-rikorrent nhar it-23 ta' Frar, 2019. Filwaqt li r-rikorrenti tghid li fil-laptop immanifesta difett mohbi fl-iscreen nhar is-17 ta' Gunju, 2020, min-naha l-ohra s-socjeta intimata tirribatti li l-hsara fil-laptop mhijiex difett mohbi izda giet ikkawzata b'*physical damage* u ghalhekk m'ghandhomx ibaghtu huma ghat-traskuragni u negligenza tar-rikorrenti.

Illi fid-dawl ta' verzjonijiet konfliggenti ghall-ahhar, l-uniku rimedju li ghandu t-Tribunal sabiex jasal ghall-konkluzjoni huwa li jahtar espert. Ghal dan il-ghan biex tigi ezaminata din il-materja teknika tqabbad l-espert Dr Martin Bajada li hejja rapport tekniku datat 10 ta' Mejju, 2022. L-espert Dr Bajada eskluda t-tezi tal-intimata u sab favur is-sewwa dak allegat mir-rikorrenti.

It-Tribunal jinnota li r-rapport ma giex kontestat b'mod formali bil-mezz tal-kontro-ezami ta' l-istess espert u wisq inqas saret talba ghall-hatra ta' esperti addizzjoni.

Illi dan it-Tribunal ma jirrizultalux li hemm xi raguni ghaliex m'ghandux jakkolja l-istess konkluzjonijiet tal-espert fuq riferit, u konsegwentement jiddikjara li qed jistrieh fuqhom u ghalhekk jer jaghddi biex jiddeciedi favur ir-rikorrenti.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attrici u jorda lis-socjeta' intimata tirrifondi lura lill-attrici s-somma ta' Euro 600 bid-dritt li s-socjeta' tiehu lura l-laptop difettuz u dan fi zmien gimgha mil-lum.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata inkluz dawk relatati mal-hatra tal-espert.

Dr Martha Mifsud LL.D.

Arbitru